IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru64 (erbgħa u sittin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 31 ta' Lulju, 2018, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ<br>Joseph Azzopardi |
| **Assenti b' Apoloġija:** | |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

64.1. Item Nru 64.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

64.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.33pm u s-Segretarju qara ittra ta' apoloġija tas-Sur Neil Attard fejn kulħadd qabel li jkun skużat għal din il-laqgħa

64.2 Item Nru 64.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti

64.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

64.3 Item Nru 64.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

64.3.1 Recreational centre – Is-Sindku qal li ġibna stimi għax-xogħol ta' plumbimg u electrician u l-Kunsill qabel biex jgħażel l-irħas u jkun konformi mat-thresholds finanzjarji. Sar qbil unanimu li jintgħażlu l-istimi ta' Charles Tanti għall-ilma u ta' Christian Vella għal elettriku.

Is-Segretaju ippreżenta wkoll stimi ta' CCTV u sar qbil li tintgħazel l-istima ta' LA Group. Dawn il-cameras ser ikopru l-entraturi kollha tal-Multipurpose Hall.

64.3.2 Rampa Sports Complex – Is-Sindku qal li il-Kunsill għandu jiltaqgħa mal-Perit sabiex ikollna l-BOQ ezatti u wara nkunu nistgħu ngħadduhom lil TM għall-approvazzjoni u eventwalment isir ix-xogħol.

64.3.3 *Jogging Track* – Is-Sur Valvo qal li saret l-istima tal-*jogging track* u din ġiet għolja minħabba li kien hemm inkluż ukoll dressing room. Minn Sports Malta talbuna biex nirridimensjonawha sabiex il-prezz jitbaxxa u jkun fil-budget ta' Sports Malta. Għalhekk il- Perit Rene Cutajar rega' għamel l-istima u għaddejniha lil Sports Malta. Dawn qed jevalwaha u għandhom ituna risposta.

64.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn kellhom AGM u attenda. Gal Xlokk qed jistennew li jkollhom il-budget għas sena d-diehla. Il-Kunsill Lokali tax-Xgħajra għandu pendenti ir-rehabilitation ta' Fort Park. L-istima tal-fort park giet amalgamata ma' tal-jogging track u ser jigu separati fil-granet li ġejjin.

64.3.5 ATM – Is-Sindku qal li kellem mal-Bank of Valletta fejn dan ma approvax li ssir ATM wara li għamlu survey biex jaraw kemm ser tintuża imma qalu biex namalgamaw ma' xi Kunsill tal-vicin. Il-Kunsill jissuġġerixxi forsi din issir f' St. Peter Area Ħaz Zabbar biex tolqot aktar nies.

64.3.6 Evaluation Board Tender Knis – Is-Sur Valvo qal li s-Sur Wilson Mifsud kellu aċċident fejn dan ma setax jiltaqa' magħna. Għalhekk ser nitolbuh jiltaqa' magħna appena ikun f' saħħtu.

64.3.7 Separazzjoni ta' skart – Is-Sindku qal li kellna laqgħa mal-Wasteserv fejn dawn spjegawlna li minn Ottubru li ġej għandha tiġi introdotta il-ġabra tal-iskart organiku. Din il-ġabra ser tibda sseħħ tlett darbiet f'gimgħa li huma it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Mil-Wasteser issuġġerew li l-ġabra tal-iskart domestiku, il-borża s-sewda titwaqqaf milli ssir il-Ħadd imbgħad u din tibda ssir it-Tnejn, il-Ħamis u is-Sibt. Fil-ġranet li ser issir il-ġabra tal-iskart organiku il-Kunsill ser jibda jiġi rifondut ta' din il-ġabra.

Il-Kunsill qabel unanimament li il-ġabra tal-iskart domestiku ta' nhar ta' Ħadd titwaqqaf kif jibda l-iskart organiku.

64.3.8 SSTP – Is-Sur Valvo qal li nhar il-Ħamis li ġej għandna laqgħa tal-Monitoring Committee fid-9.30am fejn ser niltaqgħu mas-CEO is-Sur Richard Bilocca. Il-Kunsill jixtieq spjegazzjoni ta' x' inhu jiġri bħalissa għaliex qed insofru ħafna irwejjaħ mil-impjant tad-drenaġġ. Is-Sinjura Doris Borg qalet li għandna bżonn ikollna il-minuti wara din il-laqgħa. Huma s'issa infurmawna li qed isir xogħol ta' manutenzjoni

64.3.9 Maniġġjar tat-traffiku – Is-Sur Valvo qal li l-humped zebra ta' Dawret ix-Xatt għadna qed nistennew lil TM biex jagħmluha.

Rigward il-Belishia light ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja il-Kunsill qabbad lil David ta' Kaċċawiet sabiex jagħmel it-trinka u l-komunikazzjoni u eventwalment jigu installati il-Belishia.

64.3.10 Periklu fi Sqaq Ras il-Ġebel – Is-Sindku qal li l-ħajt sar u li issa jmiss li intellgħu filata oħra jew tnejn il-parti ta' fuq.

64.3.11 Jum ix-Xgħajra – Is-Sindku qal li nibgħatu ringrazzjament lil Jeffrey Zerafa, s-sid ta' El Catalan Restaurant talli sponsorja l-ikel minajr ħlas għal din l-attivita`.

64.4. Item Nru. 64.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

64.4.1 Is-Sur Joseph Azzopardi staqsa jekk jistax jinbidel l-isem tal-isqaq Dungur għaliex dan ma jagħmilx sens. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-istreet naming committee sabiex jgħidulna kif inhi il-proċedura.

64.4.2 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk kellimnix l-ispettur tal-Pulizija dwar il-ħmieġ taż-żwiemel fit-toroq. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u ser ikellimha fil-ġranet li ġejjin.

64.4.3 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq ir-restawr tal-batterija delle grazie. Is-Segretarju qal li bħalissa hemm call miftuħa għal restawr ta' siti storiċi u l-Kunsill ser japplika.

64.4.4 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk nistgħux niċċirkulaw l-informazzjoni qabel nibdew nieħdu l-bookings għal attivitajiet dan biex kulħadd ikun infurmat b'kollox.

64.4.5 Is-Sinjura Antonia Buttigieg staqsiet jekk coach jistgħu jipparkjaw max-Xatt. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qallha li hu kien diġa irraporta pero s'issa għada ma ttiħdietx azzjoni.

64.4.6 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ staqsiet jekk jistgħux isiru kaxxi bojod faċċata ta' Trejqet ix-Xilep minħabba li m'hemmx. Il-Kunsill qabel li isiru.

64.4.7 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ staqsiet jekk nistgħux inkellmu lil tal-ħadid u slielen sabiex ibiddlu l-ħadid tat-taraġ tax-xatt ta' fejn is-slipway tan-nofs.

64.4.8 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ staqsiet jekk max-xogħol li ser isir ta' bankini hemm inkluż ukoll dik il-parti li qed iżomm l-ilma fi Triq il-Fabbriki. Is-Sindku wieġeb fil-posittiv.

64.5. Item Nru 64.5 fuq l-Aġenda – Rapporti

64.5.1 Ma kienx hemm rapporti x'jiġu approvati.

64.6. Item Nru. 64.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

64.6.1 Il-Kunsill qabel li jinxtraw 3 bins ġodda għax-Xatt.

64.6.2 Il-Kunsill qabel li jinbeda l-proċess biex tinħareġ tender ġdida għar-railing ta' madwar il-proġett fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja/Triq L-Awrat.

64.6.3 Il-Kunsill qabel li jżid il-float tal-petty cash skont l-Avviż Legali 269 tal-2017 minn €120 għal €230 fix-xahar u kull trasazzjoni ma tkunx aktar minn €50.

64.7. Item Nru. 64.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

64.7.1 Pagamenti b'numru 70 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

64.8. Item Nru. 64.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet

64.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

64.9 Item Nru. 64.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

64.9 Il-laqgħa ntemmet fis-7.11pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 4 ta' Settembru, 2018 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |